

## II

(Atti mhux leġislattivi)

## FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tas-16 ta' Diċembru 2013

**dwar il-konklużjoni, fisem l-Unjoni Ewropea, tal-Protokoll bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tal-Marokk li jstabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti fil-Ftehim ta' Assoċjazzjoni fis-settur tas-sajd bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tal-Marokk**

(2013/785/UE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43, flimkien mal-punt (a) tal-paragrafu 6 tal-Artikolu 218 u mal-paragrafu 7 tal-Artikolu 218, tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew

Billi:

- (1) Fit-22 ta' Mejju 2006, il-Kunsill approva l-Ftehim ta' Assoċjazzjoni fis-settur tas-sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Renju tal-Marokk <sup>(1)</sup> (minn hawn 'il quddiem "il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni") billi adotta r-Regolament (KE) Nru 764/2006 <sup>(2)</sup>.
- (2) L-Unjoni nnegożjat mar-Renju tal-Marokk protokoll ġdid li jipprovdli lill-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni b'opportunitajiet ta' sajd fl-ibħra li fuqhom ir-Renju tal-Marokk jeżerċita s-sovranità jew il-ġurisdizzjoni tiegħu fir-rigward tas-sajd.
- (3) Bid-Deċiżjoni 2013/720/UE <sup>(3)</sup>, il-Kunsill awtorizza l-iffirmar ta' dan il-Protokoll, soġġett għall-konklużjoni tiegħu.
- (4) Huwa fl-interess tal-Unjoni li timplimenta l-Ftehim ta' Assoċjazzjoni permezz ta' Protokoll li jstabbilixxi l-

opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja relatata u li jiddefinixxi l-kondizzjonijiet tal-promozzjoni ta' sajd responsabbli u ta' attivitajiet tas-sajd sostenibbli fiż-żona tas-sajd tar-Renju tal-Marokk. L-approvazzjoni fisem l-Unjoni ta' dan il-Protokoll hija għalhekk meħtieġa.

- (5) Il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni stabbilixxa Kummissjoni Konġunta nkarigata mill-kontroll tal-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim u mill-adozzjoni, skont kif ikun il-każ, ta' modifiki għall-Protokoll. Bl-iskop li jiġu implimentati dawn il-modifiki, huwa xieraq li l-Kummissjoni Ewropea tingħata s-setgħa biex tapprovahom skont proċedura ssimplifikata,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-Protokoll bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tal-Marokk li jstabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti fil-Ftehim ta' Assoċjazzjoni fis-settur tas-sajd bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tal-Marokk (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Protokoll") huwa b'dan approvat fisem l-Unjoni <sup>(4)</sup>.

*Artikolu 2*

Il-President tal-Kunsill għandu jipproċedi, fisem l-Unjoni, biex jagħti n-notifika prevista fl-Artikolu 12 tal-Protokoll.

*Artikolu 3*

Il-Kummissjoni Ewropea hija b'dan mogħtija s-setgħa biex tapprova l-aġġustamenti magħmula fil-Protokoll adottati mill-Kummissjoni Konġunta, taħt l-Artikolu 10 tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni.

<sup>(1)</sup> ĠU L 141, 29.5.2006, p. 4 (Verżjoni MT: ĠU L 294M, 25.10.2006, p. 134).

<sup>(2)</sup> Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 764/2006 tat-22 ta' Mejju 2006 dwar il-konklużjoni ta' Ftehim ta' Assoċjazzjoni fis-settur tas-sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Renju tal-Marokk (ĠU L 141, 29.5.2006, p. 1; verżjoni MT: ĠU L 294M, 25.10.2006, p. 131).

<sup>(3)</sup> ĠU L 328, 7.12.2013, p. 1.

<sup>(4)</sup> Il-Protokoll ġie ppubblikat fi ĠU L 328, 7.12.2013, p. 2 flimkien mad-Deċiżjoni dwar l-iffirmar tiegħu.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta' Diċembru 2013.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

V. JUKNA

---

## ANNEX

**Ambitu tal-għoti tas-setgħa u l-proċedura għall-istabbiliment tal-pożizzjoni tal-Unjoni fil-Kumitat Konġunt**

- 1) Il-Kummissjoni għandha tkun awtorizzata tinnegozja mar-Renju tal-Marokk u, fejn adegwat u sakemm tkun konformi mal-paragrafu 3 ta' dan l-Anness, taqbel mal-modifiki tal-Protokoll fir-rigward tal-kwistjonijiet li ġejjin:
  - a) rieżami tal-opportunitajiet tas-sajd f'konformità mal-Artikolu 5(1) tal-Protokoll;
  - b) deċizzjoni dwar il-modalitajiet tal-appoġġ settorjali f'konformità mal-Artikolu 6 tal-Protokoll;
  - c) speċifikazzjonijiet u modalitajiet tekniċi li huma parti mis-setgħat tal-Kumitat Konġunt f'konformità mal-Anness għall-Protokoll.
- 2) Fil-Kumitat Konġunt stabbilit fil-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd, l-Unjoni għandha:
  - a) taġixxi f'konformità mal-oġġettivi li għandha l-Unjoni fi ħdan il-qafas tal-Politika Komuni tas-Sajd,
  - b) tkun konformi mal-Konklużjonijiet tal-Kunsill tad-19 ta' Marzu 2012 dwar Komunikazzjoni dwar id-dimensjoni esterna tal-Politika Komuni tas-Sajd,
  - c) tippromwovi pożizzjonijiet li huma konsistenti mar-regoli rilevanti adottati mill-Organizzazzjonijiet Reġionali tal-Ġestjoni tas-Sajd.
- 3) Meta deċizzjoni dwar il-modifiki għall-Protokoll msemmija fil-paragrafu 1 hija prevista li tiġi adottata waqt Laqgħa tal-Kumitat Konġunt, għandhom jittieħdu l-passi meħtieġa sabiex il-pożizzjoni li għandha tiġi espressa fisem l-Unjoni tiegħu kont tal-informazzjoni l-aktar reċenti dwar l-istatistika, dik bijoloġika u informazzjoni rilevanti oħra mibgħuta lill-Kummissjoni Ewropea.

Għal dan il-għan u abbażi ta' dik l-informazzjoni, dokument preparatorju li jstabilixxi d-dettalji tal-pożizzjoni prevista tal-Unjoni għandu jintbagħat mis-servizzi tal-Kummissjoni, fi żmien suffiċjenti qabel il-Laqgħa rilevanti tal-Kumitat Konġunt, lill-Kunsill jew lill-korpi preparatorji tiegħu għall-kunsiderazzjoni u l-approvazzjoni.

Fir-rigward tal-kwistjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1(a), il-Kunsill għandu japprova l-pożizzjoni tal-Unjoni permezz ta' maġġoranza kwalifikata ta' voti. Fil-każi l-oħra, il-pożizzjoni prevista tal-Unjoni fid-dokument preparatorju għandha titqies li ntlaħaq qbil dwarha, sakemm numru ta' Stati Membri ekwivalenti għal minoranza li timblokka ma joġġezzjonax waqt laqgħa tal-korp preparatorju tal-Kunsill jew fi żmien 20 ġurnata minn meta jkun wasal id-dokument preparatorju, skont liema tiġri l-ewwel. Fil-każ ta' oġġezzjoni, il-kwistjoni għandha tintbagħat lill-Kunsill.

Jekk, matul laqgħat ulterjuri, inkluż dawk fuq il-post, ikun impossibbli li jintlaħaq qbil sabiex il-pożizzjoni tal-Unjoni tiegħu kont ta' elementi ġodda, il-kwistjoni għandha tiġi referuta lill-Kunsill jew lill-korpi preparatorji tiegħu.

Il-Kummissjoni hija mistiedna tiegħu l-passi meħtieġa, fi żmien debitu, bħala segwitu għad-deċizzjoni tal-Kumitat Konġunt, inkluż, fejn adegwat, tippubblika d-deċizzjoni rilevanti f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u tippreżenta kwalunkwe proposta meħtieġa għall-implimentazzjoni tad-deċizzjoni.